

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq l-assenza ta' bażi legali għall-Artikoli 5, 69 u 70 tar-Regolament Nru 806/2014 peress li dawn ġew adottati abbażi tal-Artikolu 114 TFUE meta din ma hijiex approssimazzjoni tal-liġijiet.
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq l-assenza ta' bażi legali għall-Artikoli 5, 69 u 70 tar-Regolament Nru 806/2014 peress li dawn ġew adottati abbażi tal-Artikolu 114 TFUE meta dawn huma dispożizzjonijiet fiskali.

- (<sup>1</sup>) Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1).
- (<sup>2</sup>) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 11, p. 44, rettiffika fil-ĠU 2017, L 156, p. 38).

### Rikors ippreżentat fis-7 ta' Lulju 2022 – BNP Paribas vs SRB

(Kawża T-420/22)

(2022/C 311/29)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrent: BNP Paribas (Pariġi, Franzja) (rappreżentanti: A. Gosset Grainville, M. Trabucchi u M. Dalon, avukati)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

#### Talbiet

Ir-rikorrenti jitkolli li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- bis-saħħa tal-Artikolu 263 TFUE, tannulla d-Deċiżjoni Nru SRB/ES/2022/18 tal-11 ta' April 2022 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2022 lill-SRF sa fejn din tikkonċerna lir-rikorrenti;
- bis-saħħa tal-Artikolu 277 TFUE, tiddikjara inapplikabbli d-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament SRM (<sup>1</sup>), tar-Regolament ta' Implantazzjoni (<sup>2</sup>) u tar-Regolament ta' Delega (<sup>3</sup>):
  - l-Artikoli 69(1), 69(2), 70(1) u 70(2)(a) u (b) tar-Regolament SRM;
  - l-Artikoli 4(2), 5, 6, 7 u 20 kif ukoll l-Anness I tar-Regolament ta' Delega;
  - l-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implantazzjoni;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kollha.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jinvokaw tmien motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-391/22, Société Générale et vs SRB.

- (<sup>1</sup>) Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1).
- (<sup>2</sup>) Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/81 tad-19 ta' Diċembru 2014 li jispeċifika kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 15, p. 1).
- (<sup>3</sup>) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 11, p. 44, rettiffika fil-ĠU 2017, L 156, p. 38).